MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 06/2019

It-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppresjeda l-laqgħa.

### 06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

06.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

06.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 5/2019 u dik tal-laqgħa pubblika li saret fis-7 ta' Ottubru ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

06.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

06.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

06.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

06.3.1 Is-Sindku beda billi semma l-appell dwar l-applikazzjoni ta' żvilupp taħt Sqaq Mallia. Ġa resaq darba għas-seduta u kien ġie deċiż li jiġu fuq il-post fit-31 Ottubru 2019. Wieġeb li l-Kunsill ġie nfurmat li din id-data tħassret u ġiet posposta għall-14 ta' Novembru fis-1.30pm ġewwa Malta.

06.3.2 Is-Sindku semma ukoll l-ittra li rċieva l-Kunsill b'oġġezzjoni u ilmenti għall-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Dun Karm Cachia, kważi fi Triq ta' Ċenċ. Din l-ittra tinkludi dettalji ta' residenti li ressqu l-oġġezzjoni tagħhom. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill għandna ngħaddu din l-informazzjoni lil Perit tal-Kunsill għall-parir tiegħu.

06.3.3 Is-Sindku qajjem il-punt fuq il-fondi *Leader*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li se joħorġu żewġ skemi, waħda li bħala

Kunsill jista' japplika flimkien ma' żewġ partners oħra mill-anqas li jistgħu jkunu xi NGO, xi kunsill ieħor jew *business partner*. It-tema ta' din l-iskema hi *Re-juvenating Gozo*, skema li tgħin lil żgħażagħ Għawdxin. Il-Kunsill irid joħroġ perċentaġġ ta' flus. Din fetħet it-Tnejn 21 ta' Ottubru u se tagħlaq fil-15 ta' Novembru. L-iskema l-oħra se tiftaħ aktar tard din is-sena. Din l-iskema se titratta dwar *marketing* ta' prodotti minn individwi. Allavolja l-Kunsill ma' jistax japplika għal din l-iskema, ikun tajjeb jekk ninfurmaw sidien bħal tas-*salt pans*. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn niftakru fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Bħalissa, bi skemi bħal dawn, nkunu qed inżidu aktar piż fuq il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

06.3.4 Is-Sindku semma' wkoll komunikazzjoni li rċieva l-Kunsill riġward il-Fondi mill-Ewropa mill-Miżura 4.4. Ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill. Se ningħataw 80% tal-fondi u l-Kunsill se joħroġ 20%.

06.3.5 Is-Sindku fakkar lil dawk preżenti li fit-12 ta' Novembru, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jattendu laqgħa mad-Diparment fuq il-qagħda finanzjara tal-Kunsill.

06.3.6 Is-Sindku qajjem il-punt fuq il-proġett ta' Triq Għajn Mhelhel. Qed jidħlu diversi ilmenti mir-residenti fuq il-qagħda ta' din it-triq. Inqrat l-aħħar *email* li ntbagħtet lill-kuntrattur Mario Gatt. Is-Sindku żied li għaddiet ġimgħa u lanqas biss wieġeb. Din intbagħtet fit-22 ta' Ottubru. Qed iċemplu wkoll mill-Ministeru fuq din it-triq. Il-Kunsill tah diversi ċansijiet. Jixtieq li jkompli hu imma issa żżejjed kollu żejjed. Is-Sindku nnota li dan il-kuntratt ma' ġiex iffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti minħabba l-fatt illi l-kuntrattur mess u żied klawsula kif qabillu. Is-Sindku jħoss li għandu jitħallas tax-xogħol li għamel u jitqabbad kuntrattur ieħor. Il-membri preżenti qablu fuq dan. Is-Sinjura Sandra Grech żiedet li kellemnih kemm il-darba u ma jistax ikun nibqgħu sejrin hekk. Is-Sur Baskal Saliba tenna li tajnih diversi ċansijiet. Is-Sur Daniel Cordina staqsa jekk il-Kunsill jistax iqabbad kuntrattur ieħor bl-istess rati, dejjem jekk għandu l-awtorità li jwaqqa it-tender. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hux l-aħjar nitkellmu mal-Perit u l-Avukat tal-Kunsill. Kien hemm qbil li nkellmu lil Perit u l-Avukat tal-Kunsill, kif ukoll lil Ministeru.

## 06.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Lulju 2019 – Settembru 2019

06.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Settembru 2019.

06.4.2 Hu informa li l-livell ta' l-FSI issa qiegħed negattiv ta' 14%, li jfisser 34% anqas mir-rapport ta' qabel. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Intagħlab li tingħata kopja lill-membri.

## 06.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

06.5.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet aġġornament fuq il-Fondi tal-LESA. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li rċieva stima dwar ix-xogħolijiet ta' istallazzjoni ta' dawl dekorattiv għall-*promenade* ta' Triq il-Wied. Ġie kkalkolat li l-Kunsill irid joħroġ ammont konsiderevoli ta' flus apparti dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa proġett differenti, dak ta' installazzjoni ta' sistema ta' CCTV cameras f'żewġ *bring-in sites* f'Marsalforn. Mill-istima li rċieva l-Kunsill, l-ammont li jrid joħroġ hu ferm anqas. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti biex napplikaw għall-proġett tas-sistemi ta' CCTV *cameras*.
- Talbet aġġornament fuq l-iskema tal-Librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għadu kemm irċieva l-kuntratt mid-Dipartiment konċernat biex jiġi ffirmat. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li l-Kunsill se jingħata 75% tal-fondi li talab.
- Talbet biex titħaffer trinka ta' madwar pied u patching quddiem ir-residenza 'Salvatore', Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Żiedet li t-trinka ser issir minn sid id-dar u l-Kunsill jipprovdi u jagħti l-qatran jew siment. Kien hemm qbil minn dawn preżenti.
- Semmgħiet l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand L. Cassar, ta' Opal, Triq il-Ponta, Żebbuġ dwar it-triq ta' quddiem l-imsemmija residenza. Is-Sindku talab li tinqara din l-ittra, fejn il-mittenti talbet ukoll għal-risposta. Is-Sindku staqsa għalfejn fis-sena 2010 ma saritx meta tressqet dakinhar? Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hi kif inhi. Kien hemm toroq aktar disastrużi u agħar minn din, u sa llum lanqas biss saru. Il-Kunsill

nafaq kważi €1,500 biex jitnaddaf l-spiera fuq proposta ta' l-istess sid biex l-ilma jaqa' ġo fiha. Il-membri preżenti qablu fuq dan. Is-Sindku kompla li jekk ma taqbilx, tista' tmexxi bi proċeduri legali. Il-Kunsillier Baskal Saliba żied li x-xogħol xorta għadu approvat biex isir għax il-problema għadha hemm. Il-Kunsillier Daniel Cordina wieġeb li fuq proposta ta' l-istess sid infetħet u tnaddfet l-ispiera biex l-ilma jaqgħa ġo fiha. Il-Kunsillier Daniel Cordina żied igħid li hemm iċ-ċertifikat tal-Perit ta' dik it-triq. Żewg passi 'l fuq minnha ukoll kien hemm ilment ta' residenta li l-ilma qed jaqleb fuq in-naħħa tagħha. Mar il-Perit u reġa qal li x-xogħlijiet huma sewwa. Il-Kunsillier Daniel Cordina żied igħid li l-Kunsill ma jidħolx fis-*say* taċ-ċertifikati tal-Periti. Is-Sindku tenna li l-Kunsill mhux f'posizzjoni finanzjarja li nistgħu nirranġaw toroq. Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti li ssir din il-parti tat-triq bħalissa minħabba l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill preżenti.

- Talbet biex ix-xogħlijiet fil-Latrina tax-Xwejni jibdew minnufih sabiex tkun lesta sa' Mejju li ġej. Is-Sindku wieġeb li ltaqa' mal-perit fuq il-post u talbu kemm hemm bżonn affarijiet eżatt biex jinxtara l-materjal. Kien hemm qbil li nerġgħu nibgħatu tfakkira lil Perit.
- Talbet aġġornamet fuq il-proġett ta' Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb li s-sitwazzjoni ta' dan l-proġett ġa ġiet diskussa aktar 'il quddiem.
- Talbet aġġornament fuq l-ilment ta' C. Cefai dwar bankina quddiem 2, Triq l-Għażżiela, Żebbuġ. Is-Sindku qal li din ġa kienet approvata. Żied biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talbet aġġornament fuq l-ilment ta' K. Borg dwar bankina ġdida quddiem 26, Triq Skapuċċina, Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa ltaqa mal-Perit dwar il-qisien u ntbagħtet talba lil Ministeru. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu *email* lil Ministeru.
- Talbet aġġornament fuq ix-xogħol ta' tindif ta' ġebel fuq il-*boathouses* li kellu mill-Ministeru għal Għawdex fix-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġab il-permessi kollha tal-PA u ERA. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li ntbagħtet *email* lill-Assistent Direttur biex jerġa' jfakkar lis-sezzjoni konċernata.
- Daħlilha ilment li l-*platform* ta' taħt il-gabbana fix-Xwejni,

inqassmet. Is-Sindku wieġeb nibgħatu talba lil Ministeru.

- Talbet biex hemm toqba ħdejn it-Torri tal-Qbajjar mikxufa li qegħda ta' periklu, titgħatta. Is-Sur Daniel Cordina żied li hemm xi tnejn oħra ħdejn is-salini. Is-Sindku wieġeb biex naraw fejn jinsabu u jsirhom *railing* miegħu. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġeriet biex issir talba lil Ministeru għal Għawdex biex isir tindif mis-siment fi Triq l-Imgħallem fit-telgħa il hinn mill-fabbrika ta' *Road Construction*. Kien hemm qbil fuq dan.
- Ipproponiet biex issir ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-lokalità nhar il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru 2019, festa Pubblika. Issuġġeriet li jisimgħu quddiesa, iżuru l-*Pama Shopping Village* u l-Belt Valletta. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill iħallas it-trasport. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talbet għall-aġġornament fuq is-sitwazzjoni dwar l-iskeda tal-ġbir ta' l-iskart minn Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li din il-materja ġiet diskussa waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun u kien hemm qbil li r-Reġjun jibgħat talba lil Ministru biex jinstab rimedju.
- Talbet aġġornament fuq it-Tenders.

  ZGLC/01/2019 – *Works Tender for the Embellishment of the Żebbuġ (Gozo) Playing Field*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit dwar xi emendi fil-pjanti u terġa toħroġ is-sejħa.

  ZGLC/02/2019 – *Tender for the Supply and Installation of Play Equipment for the Żebbuġ (Gozo) Playing Field.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti dan it-tender ġie *awarded* imma l-Kunsill qed jistenna l-fondi.

  ZGLC/03/2019 – *Tender for the Finishing Works at Xwejni Public Convenience*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

  ZGLC/04/2019 – *Tender for the removal of an existing wrought iron railing and the Manufacturing and Installation of Composite Railing at Triq Santa Marija, Marsalforn, Gozo*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li dan it-tender ġie *awarded* u x-xogħol jibda ġaladarba jiġi ffirmat il-kuntratt ta' fondi.

ZGLC/05/2019 – *Tender for the Upgrading of Public Garden at upper end of Triq Santa Maria (near parking area), Marsalforn, Gozo*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li qed nistennew mingħand il-Perit dwar xi emendi fil-BOQs u terġa toħroġ is-sejħa.

ZGLC/06/2019 – *Period Contract for general paving works at Marsalforn and Żebbuġ, Gozo.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti wara li reġgħet ħarġet is-sejħa, kien hemm offerta waħda biss. Ser issir l-aġġudikazzjoni fil-jiem li ġejjin. Kien hemm qbil bejn il-membri li jintgħażlu l-membri tas-soltu biex jiffurmaw l-bord ta' evalwazzjoni.

ZGLC/07/2019 – *Service Tender for the collection of Bulky refuse from the locality of Żebbuġ, Gozo in an environmentally friendly manner*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li ġie ffirmat il-kuntratt fil-jiem li għaddew.

- Talbet aġġornament fuq il-*fence* tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li se jingħataw dettalji il'quddiem waqt il-laqgħa billi l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-iskola.

- Talbet aġġornament fuq il-fondi li l-Kunsill se jagħti għall-iskola rigward id-*Dyslexia Friendly School*. Is-Sindku wieġeb li se jingħataw dettalji il'quddiem waqt il-laqgħa billi l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-iskola.

06.5.2 Il-Kunsilleri s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir bankina ġdida fi Triq Lifurna. Is-Sindku wieġeb biex niġbru d-dettalji u nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ.
- Talab biex jitkompla dak il-ħajt fi Triq Wied l-Infern. Is-Sindku wieġeb biex issir talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Talab biex issir rampa għal-garaxx ġewwa Marsalforn tar-residenza ta' D. Xerri. Is-Sindku wieġeb biex nikkuntattjaw lis-sid għal aktar dettalji.

06.5.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex issir talba lil Ministeru minħabba l-ġebel kbir li qed jaqa' fi Għar Qawla, 'il ġew mil-latrina. Is-Sindku wieġeb biex l-Kunsill jinbagħat talba lil Ministeru u jerġa' jfakkru rigward il-paletta.
- Talbet għall-aġġornament fuq iż-*Zebra Crossing* fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li se jingħataw dettalji aktar il' quddiem waqt il-laqgħa billi rċivejna korrispondenza minn Transport Malta fuq dan is-suġġett.
- Infurmat lil dawk preżenti rigward il-Masterplan ta' Marsalforn; is-sidien tar-*restaurants* ġew infurmati li sas-7 ta' Novembru iridu jaqilgħu kollox. Staqsiet jekk jistax jittranġa t-taraġ ta' l-Għassa. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li wara li tkellem mas-Sa. Portelli, infurmatu li t-tqegħid ta' dan il-mosajk ma' jistax isir qabel l-aħħar ġimgħa ta' Lulju 2020. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa li dan it-taraġ isirlu restawr u jżomm il-lavur u l-preġġju tiegħu. Wara diskussjoni, kien hemm qbil biex l-Kunsill jistaqsi l-Perit f'hiex waslu l-permessi.
- Talbet biex nafsu fuq l-iskart li qed jinġema f'ċertu toroq, ġewwa Marsalforn.
- Talbet għall-aġġornament dwar il-fanali taz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li intbagħat ultimatum lill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li jekk sa ħmistax il-ġurnata oħra ma jeħlux, se jitqabbad kuntrattur ieħor. Kien hemm qbil fuq dan. Hawn hekk is-Sindku żied biex il-Kunsill jibgħat *email* ta' ringrazzjament lill-kuntrattur tax-xogħol li sar fuq il-fanali tal-Pjazza.
- Talbet aġġornament fuq id-dwal l-oħra li hemm mitfija ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li hemm diversi minnhom irrapurtati. L-istejjem biex jiġu rranġati huma għoljin. Kien hemm qbil biex il-Kunsill iġib stejjem oħra mingħand kuntratturi oħrajn.
- Talbet biex jitneħħa d-*double yellow lines* li kien hemm ħdejn dik l-għatba li tneħħiet ġewwa Triq Barda. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talbet aġġornament fuq l-ilma ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Is-

Segretarju Eżekuttiv wieġeb li intbagħtet email lil tas-Sanità u lil *Water Services Corporation*, u l-proċess jidher li miexi. Is-Sindku wieġeb biex nagħtu ċans sal-ġimgħa d-dieħla.

- Tixtieq tkun taf jekk il-*gazebos*, u l-Promenade tal-Qbajjar humiex se jinqalgħu mill-Ministeru. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Ministeru nistaqsuhom ukoll hux se jinżabħu minn barra ukoll.
- Is-Sindku staqsa jekk hux għaqli biex il-Kunsill jibgħat talba lil Ministeru biex isir *patching* madwar Marsalforn, billi l-Kunsill m'għandux flus. Is-Sindku wieġeb li fl-email li ntbagħtet lil Ministru, qalet li ħafna mill-ilmenti dwar toroq, promende u dwal, se jkunu inkluzi fil-Masterplan. Is-Sur Baskal Saliba wieġeb li kull ħaġa li qed insemmgħu fuq Marsalforn u tintbagħat talba lil Ministeru, qed indawwruha fuq il-Masterplan. Is-Sindku talab biex nagħmlu talba lil Ministeru jekk jistax jibgħatilna trakk *patching* u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

06.5.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir bozza ġdida fi sqaq fi Triq il-Ponta, iż-Żebbuġ u titwaħħal ma' l-ewwel arblu kif indikat fis-*site plan*. Kien hemm qbil fuq dan.
- Ippropona biex isiru żewġ tabelli tat-traffiku (*slow sign* u *curve warning*) qabel iċ-Ċimiterju taż-Żebbuġ, bħala twissija lis-sewwieqa, speċjalment dawk li mhumiex residenti fir-raħal tagħna. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Transport Malta biex isir *traffic management plan* għal min hu ġej mill-Għasri għaż-Żebbuġ, min dieħel l-Għasri, etc. Kien hemm qbil fuq dan.
- Talab biex hemm siġra kbira fi Triq Zaqi, biex il-parti li ħierġa fit-triq tinqata'. Dan l-aktar ħabba l-pavaljuni tal-festa. Is-Sindku wieġeb li dik privata, u nippruvaw inkellmu lis-sid.
- Informa lil dawk preżenti li jekk tista' tittranġa bankina mkissra fi Triq Oniċi kif indikata fis-*site plan* mehmuża. Is-Sindku wieġeb biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ.
- Staqsa jekk tistax issir xi ħaġa temporanja lit-tapit tal-bandli u xi bandli li qed jissaddu. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu lil Perit biex jitħaffef il-proċess u jerġa joħroġ it-tender. Is-

Sindku żied ukoll biex inġibu stima ta' turf artifiċjali u jitpoġġa fuqu. Kien hemm qbil fuq dan.

- Talab jekk tistax issir talba lil Ministeru biex triq taħt is-sies, ħdejn Triq ta' Ċenċ titwessa ftit. Is-Sindku wieġeb li dik art privata.
- Talab ukoll jekk il-Kunsill jistax jgħin biex terġa ssir il-fjakkola f'Jum il-Mejtin. Kien hemm qbil fuq dan.

## 06.6 Milied 2019

06.6.1 Is-Sindku beda billi fakkar lill-Kunsilliera dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u saħaq l-impenn tiegħu sabiex nuru responsabilita' u għaqal fl-infieq tal-Kunsill.

06.6.2 Wara diskuzzjoni bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż:

- Li jsir il-festin tat-tfal fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali, nistiednu xi *magician* jew tal-bżieżaq bħas-sena ta' qabel. Naraw x'dati hemm disponibbli;
- Issir il-kompetizzjoni tal-presepji, din għandha titħabbar fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill; u
- Jsir ukoll il-kalendarju għas-sena d-dieħla. Dan għandu jsir bl-anqas spejjeż possibli. Kien hemm qbil dwar dan.
- Is-Sindku ħareġ bl-idea biex isir presepju fil-pjazza magħmul minn ġebel tas-sejjiegħ mill-ħaddiema tal-Kunsill u voluntiera oħra mir-raħal. Is-Sur Daniel Cordina qabel ma' din il-proposta. Hu żied li l-Kunsill għandu bżonn jinvesti fi presepju fir-raħal, għax ir-raħal huwa nieqes mill-presepji. Qal li jekk ma jsirx din is-sena, nibdew naħsbu għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil fuq dan.

06.6.3 Dwar it-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-lokalita', is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-aħjar stima kienet dik ta' Chris Gauci għal tiżjin fiż-Żebbuġ u f'Marsalforn. Bi qbil bejn il-membri ġie deċiż li għal din is-sena l-Kunsill jarma s-siġra tal-Milied, iżejjen il-pjazza u jagħmel dekorazzjoni tad-dawl fil-bidu tar-raħal u jżejjen parti minn Triq il-Qbajjar, Marsalforn.

## 06.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

06.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar bdil fil-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ. Minn kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, issir kull l-ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel ma' din il-proposta.

06.7.2 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Mro. Franco Cefai għal għajnuna finanzjara għal Kunċert tal-Milied 2019. Il-Kunsill qabel li jagħti €300 bħala għajnuna finanzjarja.

06.7.3 Ċirkulari AKL 2019/123 – Mużew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku ppropona li jagħmel kuntatt mas-Sur Mario Cassar. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-iskola Primarja tar-raħal għal għajnuna finanzjara biex jinxtara materjal li jista' jintuża fil-lezzjonijiet għat-tfal bid-dyslexia. Is-Sindku ssuġġerixxa li tingħata għajnuna ta' €400. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.5 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett *Gozo, A Portrait of an Island', coffee-table photography.* Il-Kunsill innota l-kontenut u ssuġġerixxa xi ismijiet.

06.7.6 Ċirkulari Premju Soċjeta' Ġusta 2019. Il-Kunsill Lokali innota l-kontenut u ssuġġerixxa biex ninnominaw xi persuni. Il-Kunsill jagħmel kuntatt magħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.7 Korrispondenza mingħand Is-Sur S. Sansone dwar attivita' ta' *filiming* ġewwa Marsalforn. Il-Kunsill innota l-kontenut u ta n-*no objection* għal dan.

06.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar iż-*Zebra Crossing* fi Triq il-Qbajjar. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jibgħat risposta lil Transport Malta r-raġuni għala għandha titħarrek il-*bus stop* jekk issir ż-*Zebra Crossing*.

06.7.9 Korrispondenza mingħand Mr. Y. Magro dwar GAG4 – Rejuvenating Gozo – Pre-call & Info Session. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.10 Ċirkulari *MOC Sports Awards – Local Councils.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.11 Korrispondenza mingħand is-Sa. Sandra Casarini dwar it-talba għal *fence* għal grawnd tal-Football. Il-Kunsill innota l-kontenut. Kien hemm qbil li s-Sur Baskal Saliba jagħmel kuntatt ma' l-istess surmast ta' l-iskola.

06.7.12 Korrispondenza mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza rigward l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni għall-fondi tal-Miżuri 4.4. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.13 Ċirkulari – *Poinsettias Campaign in aid of the Malta Community Chest Fund Foundation*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.14 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Vincent Vella mid-Diviżjoni Gvern Lokali dwar l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2018. Is-Sindku żied li hemm laqgħa bejn il-Kunsill u l-istess Dipartiment fuq dan is-suġġett nhar it-12 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.15 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Falzon minn Wasterserv rigward is-*Social Campaign with Kerbside Collection Vehicles.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.16 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand R. Abela mill-MFCS-Parl Sec bis-suġġett *Tan-Nanna Ħelu Manna'.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.17 Korrispondenza mingħand M. Farrugia dwar *Gozo Cultural Calendar 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Malta Intelligent Energy Management Agency dwar il-konferenza *Pegasus and Stepping Projects.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Għawdex, dwar Jum Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEUSAC, dwar Konferenza: Il-

Fondi tal-Unjoni Ewropea f'Malta – Ħarsa Lura u 'l Quddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.21 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand G. Zerafa Piccinino, dwar *Solidarity Fun Run 2019*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.22 Korrispondenza mill-*Gozo Regional Committee – You're invited to Joint Actions for Energy Efficiency in Public Builidings*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.23 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *LOCAL4GREEN Project.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.24 Ċirkulari AKL 2019/125 – *Communication to EU National Assocations*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.25 Ċirkulari AKL – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 24. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.26 Ċirkulari AKL 2019/126 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 25. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.27 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *The 3rd Edition of the Malta Architecture and Spatial Planning Conference.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.28 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-OASI dwar *Oasi Zumba/Aerobics.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.29 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand D. Mangion dwar Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.30 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand L. Mifsud mill-AKL dwar *You're invited to VISION 20/24 – Extraordinary Plenary – Local Councils.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.31 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand L. Mifsud mill-AKL dwar *National Conference on Wellbeing Malta & Sustainable Development*

*Goals.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.32 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand L. Mifsud mill-AKL dwar *Regulations of use of electric scooters in our localities.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.33 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand M. Dimech mill-*NRGY Concepts Ltd* dwar *Young Warriors 2019.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.34 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Lokali ta' l-Għasri dwar Invit għal Jum l-Għasri u Premju Ġieħ l-Għasri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.35 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand S. Agius mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Jekk għandek loan u spiċċajt bla xogħol.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.36 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand S. Agius mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.37 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand L. Cassar. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra aktar il'quddiem.

06.7.38 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *Citadel Cinema* dwar xi offerti għall-kunsilli lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.39 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand G. Refalo mill-*Gozo Regional Committee* dwar *Wetnet – Project Meeting.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.40 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem dwar *Symphony of lights 2019 / Invite.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.41 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn E Debono mid-Dipartiment tal-Health Regulation dwar *Week 22 – Bathing Water Sites Classification Report.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.42 Ċirkulari AKL 2019/122 – Rappreżentazzjoni b'risq Id-Dar tal-Providenza fl-Istitut Kattoliku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.7.43 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Mark Galea *obo* Sandro Ciliberti – Live Entertainment – Triq il-Port, Marsalforn (Mellows) – 01, 02, 03, 08, 09, 10, 15, 16, 17, 22, 23, 24, 29, 30 ta' Novembru 2019;

Is-Sindku talab li qabel ma' jidħol is-Sajf tissejjaħ laqgħa ma' dawn in-nies ħabba l-permessi ħalli ma' jkunx hemm aktar piki bejniethom. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill, u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

06.7.44 Ilment – Is-Sur J Grech

Talab biex fi Triq il-Forn, hemm ħajt privat u ma jistax idaħħal jew joħroġ il-karozza u d-dgħajsa mill-garaxx. Jitlob li jaqa' dan il-ħajt u jinbena ġo tiegħu. Is-Sindku wieġeb li sa issa ħadd ma' kien ilmenta fuq dan il-ħajt. Wieġeb li nkellmu lis-sid bil-miktub. Tana ilment iffirmat minn diversi persuni.

06.7.45 Ilment Nru. 75/2019 – A. Dimitru

Talab biex l-*iskips* li hemm quddiem dak li kien il-*Jumbo Mini Market* fi Triq Manuel Magro jitpoġġew f'post ieħor minħabba l-irwejjaħ huma ta' inkonvenjent. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

06.7.46 Ilment Nru. 76/2019 – D. Agius

Titlob li jsiru *double yellow lines* faċċata tal-post indikat fi Triq Skapuċċina peress li qed jipparkjaw ta' li mod li qed jostakolaw min irid jidħol ġewwa l-garaxx. Kien hemm qbil dwar dan, u tintbagħat talba lil Transport Malta.

06.7.47 Ilment Nru. 77/2019 – J. Kenneth u F. Buddle

Jitolbu biex s-servizz tat-trasport pubbliku jibqa' tiela' sa Triq il-Ponta. Issuġġerew biex ix-xarabank titla minn Triq Kappillan Franġisk Vella u ddawwar fil-pjazzetta. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ipprova kemm il-darba biex jirranġa din is-sitwazzjoni. Kien hemm pressjoni fuq Transport Malta imma qatt ma qablu.

06.7.48 Ilment Nru. 78/2019 – M. Scicluna obo G. Scicluna

Titlob biex issir rampa quddiem il-bieb indikat fi Triq ix-Xagħra peress li hemm anzjana u qegħda f'*wheelchair*. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.49 Ilment Nru. 80/2019 – D. Cefai

Titlob biex isir patching quddiem ir-residenza Salvatore, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.50 Ilment Nru. 81/2019 – J. Camilleri
Jitlob biex tinbidel il-bankina u ssir waħda ġdida fl-indirizz 'Verdun', Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ.

06.7.51 Ilment Nru. 82/2019 – M. Richardson
Titlob biex isir *disabled parking* quddiem l-indirizz, 3, Il-Qolla s-Safra, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lil Transport Malta għal aktar dettalji. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa talab lil Transport Malta għal aktar dettalji u *site plan* u rrispondewh li din hi skond il-*policy* u ser issir.

06.7.52 Ilment Nru. 83/2019 – M. Grima obo MGOZ Intervention Team
Jitlob sabiex jissewwew il-bozoz fi Triq Santa Marija, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li dawn ser isir bħala parti mill-Masterplan il-ġdid għal Marsalforn.

06.7.53 Ilment Nru. 84/2019 - M. Grima obo MGOZ Intervention Team
Jitlob sabiex jissewwa bank jew jitpoġġa bank ġdid fi Triq ix-Xagħra, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li naraw x'bankijiet għandna fl-*istore*. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.54 Ilment Nru. 85/2019 – J. Zammit
Jitlob biex titranġa l-qagħda perikoluża tal-pedamenti fit-triq quddiem il-Latrina l-ġdida tax-Xwejni u jittranġa l-aċċess għal bajja. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu talba lil Ministeru.

06.7.55 Ilment Nru. 87/2019 – J. Zammit
Jitlob biex l-iskeda ta' ġbir ta' skart tibqa' tinżamm l-istess bħal tas-Sajf. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għamel talba lil Ministeru konċernat u ġiet diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun.
Jitlob biex parti minn Triq il-Qbajjar għandha tibqa' *one way* is-sena kollha. Wara diskussjoni, is-Sindku wieġeb li għandna nibgħatu talba lil Transport Malta biex isiru *double yellow lines* mill-kantuniera l' fuq. Nieħdu parir mingħand Transport Malta fuq liema naħħa tat-triq għandhom isiru.
Jitlob biex it-transport pubbliku jiżdied u jasal sa Triq il-Batterija. Is-

Sindku wieġeb li ġa hemm talba għal dan.
Jitlob biex isiru aktar *bus shelters* fl-ispazji miftuħin ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa kien għamel din it-talba.

06.7.56 Ilment Nru. 86/2019 – G. Camilleri
Jagħmel suġġeriment biex it-triq murija fuq is-*site plan* tiġi msemmiha għall-artist Antoine Camilleri. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

06.7.57 Ilment Nru. 88/2019 – C. Theuma
Jitlob biex issir il-bankina fl-indirizz 41/43, Triq id-Duluri, Marsalforn. Jixtieq li l-madum isir bħalma diġa' hemm. Is-Sindku wieġeb biex nistaqsu qabel ma nqalgħet il-bankina fejn għamlu l-madum?

06.7.58 Ilment Nru. 89/2019 – D. Xerri obo MGOZ
Jitlbo biex tittranġa l-bankina indikata fir-ritratt fi Triq Sta. Marija, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ.

06.7.59 Ilment Nru. 90/2019 – A. Borg u J. Hili
Jitolbu biex isiru metru *double yellow lines* fi Triq il-Kaptan Frank Debono, Marsalforn kif indikat fis-*site plan*. Il-garaxx tas-Sur A. Borg jinsab imiss ma' St. George's Court filwaqt li l-garaxx tas-Sur Hili jinsab fuq in-naħħa tal-għalqa fejn m'hemmx bini. Kien hemm qbil fuq dan. Tintbagħat talba lil Transport Malta.

06.7.60 Ilment Nru. 91/2019 – S. Sultana
Titlob biex Triq Mieġel il-Baħar u jittella l-ħajt li waqa' kif muri fir-ritratti mehmużin. Is-Sindku wieġeb biex inkellmu s-sid tal-ħajt biex jittranġa l-ħajt. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.61 Ilment Nru. 92/2019 – J. White
Jittranġa r-*railing* tal-ħadid li kien twaħħal mill-Kunsill quddiem ir-residenza 'Chez Blanche', Triq Ħabel it-Twil, Żebbug. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.62 Ilment Nru. 93/2019 – MGOZ
Jitolbu biex issir lampa ġdida fi Triq ir-Rabat, Marsalforn kif indikat fis-*site plan*. Is-Sindku wieġeb biex l-ewwel niċċekjaw taqax taħt il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.63 Ilment Nru. 94/2019 – J. Stigter
Tilmenta li fi Triq Sta. Marija, Marsalforn hemm ħafna dwal mitfijin u bozoz maqlugħin.

06.7.64 Ilment Nru. 95/2019 – V. Apap
Jitlob biex jitneħħa d-*double yellow lines* minn quddiem l-indirizz indikat fi Triq Barda, Marsalforn peress li ma baqax użu għalihom. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.65 Ilment Nru. 96/2019 – Museum Subien
Jitolbu tittranġa toqba quddiem il-bini tal-Museum tas-subien. Titqatta u tintela bit-tarmac. Kien hemm qbil dwar dan.

06.7.66 Ilment Nru. 97/2019 – G. Dimech
Jilmenta li l-ilma ta' Triq iċ-Ċaqra qed imur kollu għal ġo l-għalqa tiegħu. Jitlob biex jittranġa l-ħajt tas-sejjiegħ bis-siment. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.67 Ilment Nru. 98/2019 – V. Camilleri
Jitlob biex issir kaxxa tad-*disabled* quddiem ir-residenza tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.68 Ilment Nru. 99/2019 – J. Camilleri
Jitlob issir bankina ġdida fl-indirizz 'Verdun', Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ. Kien hemm qbil fuq dan.

06.7.69 Ilment Nru. 100/2019 – J. Calleja
Titlob biex tinbidel il-bankina tagħha fl-indirizz indikat fi Triq Mons. Depiro, Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb biex nistennew l-aġġudikazzjoni tal-tender li għadu kemm ħareġ.

06.7.70 Ilment Nru. 101/2019 – M. Falzon
Jitlob biex tittranġa tappiera fil-bankina fl-indirizz indikat fi Triq Skapuċċina, Żebbuġ.

## 06.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

06.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2019 għall-perjodu bejn l-24 ta' Settembru 2019 u l-25 ta' Ottubru 2019 li tammonta għal €38,363.99

ġiet approvata u ffirmata.

## 06.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 ta' Novembru 2019 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta, 19 ta' Novembru 2019.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *iffirmata* |
| Nicky Saliba | Neville Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |